MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Numru. 154/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs.**

**Anthony Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Anthony Balzan ta’ 54 sena bin il-mejjet Francis u Mary nee’ Chetcuti mwieled Sliema fit-12 ta’ Novembru, 1955 u residenti 133, B’Kara Road, St. Julians, detentur tal-Karta tal-Identita Numru 764255(M).

Akkuzat talli fil-kapacita' tieghu bhala l-Managing Director tal-fabbrika T.M.T. B23, Bulebel Industrial Estate, Bulebel fil-perjodu ta' bejn is-6 ta' Mejju, 1998 u l-1 ta' Marzu 1999, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, kkommetta serq ta' dawl tal-elettriku mill-fabbrika T.M.T. B23, Bulebel Industrial Estate, Bulebel fl-ammont ta' elf tlett mija u sbatax-il liri Maltin u disa' u sebghin centezmu (Lm 1317.79c.0) bhala detentur tal-fond jew il-persuna li ghandha l-fond imsemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabilita' mill-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet,

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Fatti**

Il-provi li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li fil-fatt ma humiex kontestati huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa direttur tas-socjeta T.M.T. Limited, Factory 23, Qasam Industrijali, Bulebel.[1]
2. Fl-1 ta' Marzu 1999, zewg impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta, Charles Sghendo u Mario Cassar, ghamlu spezzjoni ta' rutina fil-fond imsemmi tal-meter tal-elettriku hemm installat, u talbu lill-imputat li kien fl-ufficcju tieghu, sabiex jiehdu r-reading tal-konsum tal-meter tad-dawl.
3. Meta fethu l-*cubicle* tal-meter, ezaminaw is-sigilli blue tal-plastic li kienu jidhru *"tempered with"* u hallewhom kif kienu, izda gibdu l-attenzjoni tal-imputat, u wara cemplu lill-Ispettur Walter Spiteri u ghamlu rapport l-Ghassa taz-Zejtun.
4. L-Ispettur Walter Spiteri mar fuq il-post, u Mario Cassar qata' s-sigilli fil-prezenza tal-Ispettur Spiteri u irrizulta li r-Red u l-Yellow voltages kellhom vultagg izda il-Blue phase ma kienx hemm vultagg.
5. Meta Mario Cassar fetah iz-zewg viti tat-terminal tal-Blue phase u inqala' l-cable Blue, ra li l-copper kien maqtugh vicin mal-plastic u l-viti kienu intrabbtu fuq il-plastic u ghalhekk ma kienx hemm kuntatt mat-terminal tal-meter. Ghalhekk ma kienx qed jirregistra l-*load* tal-konsum tad-dawl fuq il-blue phase.
6. Il-meter tad-dawl li jappartjeni lill-Korporazzjoni Enemalta ma saritlu ebda hsara fit-tbaghbis fis-sigilli.
7. Dan kollu gie kkonstatat ukoll mill-espert tekniku William Cassar Torreggiani.[2]
8. L-imputat sostna fix-xhieda tieghu waqt l-inkjesta, li hu ma kien jaf xejn dwar il-kaz, u li fil-parti fejn hemm il-meter tad-dawl, jista' jidhol kullhadd, u ghalhekk ma jistax jghid x'gara.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

<u>*Eccezzjoni Preliminari*</u>

L-unika eccezzjoni li issollevat id-difiza fit-trattazzjoni orali hija li fic-citazzjoni, l-imputat gie imharrek bhala *"Managing Director tal-fabbrika TMT ... ...",* cioe bhala direttur ta' bini – kuncett li legalment ma jezistix, ghaliex direttur jista' jkun biss ta' korp jew ghaqda ta' persuni, kif jippreskrivi l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni.

[1] Ara xhieda tal-imputat waqt l-inkjesta a fol. 47 tal-process.
[2] Ara konkluzjonijiet tal-espert William Cassar Torreggiani a fol.33 *et seq.* tal-process.

Sentenza li tittratta eccezzjoni simili hija s-sentenza **Il-Pulizija vs Patrick Vella**, deciza fil-31 t'Awissu 2006. F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Illi dwar l-ewwel aggravju, dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza li c-citazzjoni kull ma hija, hu "avviso a comparire" u li bizzejjed li fiha, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni <u>ssemmi car il-persuna mharrka</u> w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li <u>bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat.</u> (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Ignatius Joseph Fenech"** [4.8.06] u ohrajn)*

*Illi f' dan il-kaz ma hemmx l-icken dubju li l-akkuza tirriferi ghall-akkuzat u cioe' l-appellant odjern, li gie indikat bl-aktar mod car fil-parti tal-komparixxi li turi lil min giet indirizzata. Ghalhekk hawn no si tratta ta' akkuza b'isem zbaljat kif qed jissottometti l-appellant. Jekk hemm dicitura infelici, din tinstab fil-korp tal-ewwel imputazzjoni u mhux fil-konnotati tal-appellant li kontra tieghu inharget ic-citazzjoni.*

*Fil-korp tal-komparixxi umbaghad jinghad li l-appellant bhala direttur u persuna li ghandu r-responsabbilta' tal-istabiliment "'Marineland Ltd., Leisure and Theme Park' sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq" kien naqas milli jaghmel dak li jissemma fl-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi ma hemmx dubju li l-appellant kien Direttur tas-socjeta' Marineland Limited sa mill-1 ta' Jannar, 2003 kif del resto jidher mill-kopji awtentici tal-Memorandum and Articles of Association esebiti fil-process (fol. 7) u cioe' dan fil-perjodu rilevanti ghall-akkuzi in meritu. Illi fl-istess Memorandum insibu li l-indirizz tar-registered office tas-socjeta' kien "Leisure and Theme Park, White Rocks, Bahar ic-Caghaq." Bhala Direttur tas-socjeta' Marineland Limited li ghandha l-indirizz taghha proprju fil-Leisure and Theme Park ta' Bahar ic-Caghaq, l-appellant zgur li ma setax jitfixkel dwar in-natura tal-imputazzjonijiet li kellu jiddefendi ruhu dwarhom.*

*Illi hu minnu li proprjament fil-komparixxi jmissu intuzat id-dicitura korretta legalment u cioe' "...bhala direttur tas-socjeta' Marineland Ltd, u persuna li ghandek ir-responsabbilta' tal-istabiliment bl-isem Leisure and Theme Park sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq"' minnflok dik adoperata fit-test tal-komparixxi , pero' dan bl-ebda mod ma jirrendi l-komparixxi nulla jew bla effett*

[3] *Per* Imhallef J. Galea Debono

*u l-appellant ma setax ikollu l-icken dubju ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat u f' liema mansjoni kien qed jigi hekk akkuzat, b'mod li zgur li ma kien bl-ebda mod impedut milli jiddefendi ruhu.*

*Illi umbaghad ir-responsabbilta' kriminali ghal reat li jsir minn korp jew ghaqda ta' persuni, tad-diretturi u ufficjali ta' socjetajiet kummercjali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili fejn diretturi qabel kien jigu w issa jistghu jigu mharrka in rapprezentanza ta' korpi guridici bhal ma hija socjeta' kummercjali, skond l-art. 13 tal-Interpretation Act (Kap.249). Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputat jigi citat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabilta' vikarja tieghu bhala ufficjal, direttur tal-korp, u li mill-provi mbaghad jirrizulta li hu kien direttur, jew ufficjal tal-korp ta' persuni bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li hu qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.*

*Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim' Imhallef) Dr. V. De Gaetano" fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici"*** *[26.5.1995]:-*

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza tal-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f'ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

*"....meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' <u>mhux</u> fl-okkju tal-kawza—ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu."*

*Konsegwentement hawn non si tratta ta' nullita' tac-citazzjoni jew ta' xi sentenza li ma tistax tigi ezegwita kontra l-appellant ghaliex tharrek b'isem hazin ghax hu tharrek b'isem u konnotati tajba. Ghalhekk, taht kull aspett, l-ewwel u t-tieni aggravji ma humiex fondati w qed jigu respinti."* (sottolinear tal-Qorti tal-Appell Kriminali)

Dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod *mutatis mutandis* ghal kaz *de quo*. L-imputat tharrek b'isem u konnotati tajba. Ma hemmx dubju li l-imputat kien direttur tas-socjeta T.M.T. Limited, Factory 23, Qasam Industrijali, Bulebel – ghax dan xehdu fl-inkjesta,[4] u kemm l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll l-Ispettur Walter Spiteri talbu permess lilu, l-ewwel biex jaqraw il-meter tal-elettriku installat fil-fabbrika, u sussegwentement sabiex jifthu l-istess meter. Fi kwalunkwe kaz, l-imputat kien qieghed jagixxi fil-kariga ta' direttur jew manager tal-fabbrika ai termini tal-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Konsegwentement, l-imputat zgur li ma setax jitfixkel dwar in-natura tal-imputazzjoni li kellu jiddefendi ruhu dwarha.

Illi hu minnu li proprjament fil-komparixxi jmissu intuzat id-dicitura korretta legalment u cioe' *"... ... bhala direttur tas-socjeta' T.M.T. Ltd, u persuna li ghandek ir-responsabbilta' tal-istabiliment Factory 23, Qasam Industrijali, Bulebel",* minnflok dik adoperata fit-test tal-komparixxi, pero' dan bl-ebda mod ma jirrendi l-komparixxi nulla jew bla effett u l-imputat ma setax ikollu l-icken dubju ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat u f'liema mansjoni kien qed jigi hekk akkuzat, b'mod li zgur li ma kien bl-ebda mod impedut milli jiddefendi ruhu.

Fid-dawl tas-suespost, din l-eccezzjoni tad-difiza qieghda tigi michuda.

<u>*Il-Meritu tal-Imputazzjoni*</u>

L-imputat qieghed jigi akkuzat li bhala l-persuna responsabbli ghall-fabbrika in kwistjoni, hu kkometta r-reat kontinwat ta' serq ta' dawl tal-elettriku minn din il-fabbrika, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont.

---

[4] Ara fol. 47 tal-process.

L-imputat fl-ebda hin ma kkontesta li l-meter tad-dawl tal-fabbrika li taghha hu kien responsabbli kien imbaghbas, u konsegwentement ma kienx qieghed jirregistra l-konsum kollu tal-elettriku. L-unika difiza tieghu, fix-xhieda li ta fl-inkjesta, hi li hu ma kien jaf xejn dwar dan, u li *"fil-parti fejn hemm il-meter tad-dawl jista' jidhol kulhadd, u ghalhekk ma nistghax nghid x'gara."*[5]

L-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jippreskrivi illi *"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat: ... ..."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emanuel Scerri** deciza fit-30 ta' Marzu 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri),[6] li kienet tittratta ukoll responsabbilita vikarja, pero taht l-Att XII tal-1997, gie ritenut hekk: *"meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir - f'dan il-kaz ma nghatatx ricevuta - minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata , pero', tista' tezima ruha minn din ir-responsabilta' vikarja jekk tipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas, jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel sabiex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas ."*

Mela, ai termini tal-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, sabiex l-imputat jezimi ruhu minn din ir-responsabbilita vikarju, huwa ried jipprova, u dan almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-prova impost fuq l-imputat fil-kamp penali - (i) li ma kienx jaf li l-meter tad-dawl tal-fabbrika kien gie mbaghbas u (ii) li kien eżerċita id-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-egħmil ta' dan ir-reat.

Issa fil-kaz odjern, l-imputat xehed li ma kienx jaf li l-meter tad-dawl kien gie mbaghbas, u din ix-xhieda tieghu ma giet kontradetta minn hadd. Pero certament ma jistghax jinghad li l-imputat

[5] Ara fol. 48 tal-process.
[6] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

irnexxielu jipprova ghall-inqas sal-grad tal-probabbli li kien ezercita d-diligenza kollha xieraq biex jevita l-eghmil ta' dan ir-reat. Anzi mix-xhieda tieghu jirrizulta propju l-oppost, ghax kif diga inghad hu xehed li *"fil-parti fejn hemm il-meter tad-dawl jista' jidhol kulhadd, u ghalhekk ma nistghax nghid x'gara."*[7] Dan juri li l-meter *de quo* ma kienx kustodit b'mod diligenti, tant li *"kulhadd"* seta' jbaghbas mieghu. Minkejja li l-imputat kien konsapevoli ta' dan il-fatt, mill-provi ma jirrizultax li ha xi passi sabiex il-*meter* jigi kustodit b'mod diligenti, halli hadd ma jkun jista' jbaghbas mieghu.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib lill-imputat hati tas-serq tad-dawl elettriku mill-fabbrika in kwistjoni, bl-aggravju tal-mezz u tal-hin. Ovvjament, mill-provi jirrizulta wkoll li dan kien reat kontinwat.

Pero, irid jinghad li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova sal-grad rikjest minnha fil-kamp kriminali li l-ammont ta' dawl misruq kien jammonta ghas-somma ta' elf tliet mija u sbatax-il Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1317,79c), u konsegwentement il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-aggravju tal-valur tar-reat tas-serq.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Pero, il-fedina penali aggiornata tal-imputat mhix wahda felici, u fiha xejn inqas minn seba' u ghoxrin (27) kundanna minn dawn il-Qrati, li hafna minnhom jikkoncernaw ligijiet li jirregolaw il-vetturi, it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u wahda minnhom il-ligi dwar it-Taxxa fuq id-Dhul.

In vista tal-fatt li dan kien reat kontinwat u in vista tal-fedina penali tal-imputat, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad ai termini tal-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[7] Ara fol. 48 tal-process.

Pero fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti m'hix tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263, 270, 267, 278 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9, u qed tilliberah minnu, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 261(b) u (f), 263 u 270 tal-Kapitolu 9, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lill-hati sabiex ihallas is-somma ta' mija u erba' u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€124.55) (ekwivalenti ghal tlieta u hamsin Lira Maltija u seba' u erbghin centezmu (Lm53.47)), rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-espert. Jekk il-hati jonqos li jhallas dawn l-ispejjez jew parti minnhom, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------